REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 102/2011

tal-4 ta' Frar 2011

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura ġhall-Informazzjoni Ġeografika [spazjali] fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010, li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali ([2]), jistabbilixxi l-arranġamenti tekniċi ġhall-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta spazjali, inkluża d-definizzjoni ta' listi ta' kodiċijiet biex jintużaw ġhal attributi u rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġetti spazjali u tipi ta' dejta.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1089/2010 jeħtieġ l-attributi u r-rwoli ta' assoċċjazzjoni tat-tipi ta' oġġetti spazjali jew tipi ta' dejta li jkollhom tip ta' lista ta' kodiċijiet biex jieħdu valuri li jkuni validi ġhall-lista ta' kodiċijiet rispettiva.

(3) Dawn il-valuri permessi tal-listi ta' kodiċijiet iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1089/2010 huma meħtieġa ġhall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati f'dak ir-Regolament u ġhandhom ġhalhekk ikunu stipulati f'dak ir-Regolament ukoll.

(4) L-iżvilupp tal-valuri tal-listi ta' kodiċijiet inklużi f'dan ir-Regolament jimxu fuq l-istess prinċipji fir-rigward tar-rekwiżiti tal-utent, materjal referenzjali, politiki jew attivitajiet rilevanti tal-Unjoni, fattibilità u proporzjonalità f'termini tal-kostijiet u l-benefiċċji eventwali, l-involvimment u l-konsultazzoni tal-partijiet interessati u standards internazzjonali, kif kienu applikati fl-iżvilupp tal-arranġamenti tekniċi l-oħra stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru1089/2010 ġhandu, ġhalhekk, ikun emendat ġhal dawn ir-raġunijiet.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2007/2/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1089/2010 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. L-innumerazzjonijiet u l-listi ta' kodiċijiet użati fl-attributi jew ir-rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġetti spazjali jew tipi ta' dejta ġhandhom jikkonformaw mad-definizzjonijiet u jinkludu l-valuri stipulati fl-Anness II. L-innumerazzjoni u l-valuri tal-lista ta' kodiċijiet huma kodiċijiet mnemoniċi alingwi ġhall-kompjuters."

(b) il-paragrafu 4 jiħassar.

2. L-Artikolu 6 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1(a) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(a) listi ta' kodiċijiet m'ġhandhomx ikunu estiżi mill-Istati Membri;"

(b) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Attributi jew rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġett spazjali jew tipi ta' dejta li t-tip tagħhom tkun lista ta' kodiċijiet kif iddefinita fl-Artikolu 6 (1)(a) jistgħu jieħdu valuri biss mil-listi speċifikati ġhal-lista ta' kodiċijiet.

Attributi u rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġett spazjali jew tipi ta' dejta li t-tip tagħha tkun lista ta' kodiċijiet kif iddefinita fl-Artikolu 6 (1)(b) jistgħu jieħdu valuri biss li jkunu validi skont ir-reġistru li fih tinżamm il-lista ta' kodiċijiet."

3. L-Anness I jiġi emendat kif stipulat fl-Anness I ġhal dan ir-Regolament.

4. L-Anness II jiġi emendat kif stipulat fl-Anness II ġhal dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 323, 8.12.2010,p. 11.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament ghandu jidħol fis-seħħ fi-ghoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament ghandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2011.

Ghall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1089/2010 huwa emendat kif ġej:

1. Kull fejn tidher "Din il-lista ta' kodiċijiet għandha tinżamm f'reġistru ta' lista komuni ta' kodiċijiet." għandha tkun sostitwita minn "Din il-lista ta' kodiċijiet m'għandhiex tkun estiża mill-Istati Membri."

2. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 4.1.

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet ConditionOfFacilityValue

Value	Definizzjoni
disused	Il-faċilità ma tintużax.
functional	Il-faċilità hija funzjonali.
projected	Il-faċilità qed tiġi ppjantata. Il-kostruzzjoni għadha ma nbditx.
underConstruction	Il-faċilità tinsab fil-fażi tal-kostruzzjoni u għadha mhix funzjonali. Dan japplika biss għall-kostruzzjoni inizjali tal-faċilità u mhux għal xogħol ta' manutenzjoni.

3. Il-paragrafi li ġejjin qed jiżdiedu mal-punt 4.2:

"Din il-lista ta' kodiċijiet m'għandhiex tkun estiża mill-Istati Membri.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet huma l-kodiċijiet ta' żewġ ittri elenkati fil-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali ppubblikata mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea."

4. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 5.3.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet ConnectionTypeValue

Valur	Definizzjoni
crossBorderConnected	Konnessjoni bejn żewġ elementi ta' netwerk f'netwerks differenti tal-istess tip, iżda f'żoni maġenb xulxin. L-elementi tan-netwerk b'referenza jirrappreżentaw il-fenomeni differenti iżda spazjalment konnessi tad-dinja reali.
crossBorderIdentical	Konnessjoni bejn żewġ elementi ta' netwerk f'netwerks differenti tal-istess tip, iżda f'żoni maġenb xulxin. L-elementi tan-netwerk b'referenza jirrappreżentaw l-istess fenomeni tad-dinja reali.
intermodal	Konnessjoni bejn żewġ elementi ta' netwerks f'netwerks differenti ta' trasport li jużaw mod differenti ta' trasport. Il-konnessjoni tirrappreżenta possibbiltà għall-midja trasportata (nies, oġġetti, eċċ) li jibdlu minn mod ta' trasport għal ieħor.

5. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 5.3.2:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet LinkDirectionValue

Valur	Definizzjoni
bothDirections	Fiż-żewġ direzzjonijiet.
inDirection	Fid-direzzjoni tal-link.
inOppositeDirection	Fid-direzzjoni opposta tal-link.

ANNESS II

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1089/2010 huwa emendat kif ġej:

1. Kull fejn tidher "Din il-lista ta' kodiċijiet għandha tinżamm f'reġistru ta' lista komuni ta' kodiċijiet." għandha tkun sostitwita minn "Din il-lista ta' kodiċijiet m'għandhiex tkun estiża mill-Istati Membri."

2. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 3.3.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet GrammaticalGenderValue

Valur	Definizzjoni
common	Ġeneru grammatikali "komuni" ("maskil" u "femminil" jingħaqdu).
feminine	Il-ġeneru grammatikali femminili.
masculine	Il-ġeneru grammatikali maskili.
neuter	Il-ġeneru grammatikal newtru.

3. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 3.3.2:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet GrammaticalNumberValue

Valur	Definizzjoni
dual	In-numru grammatikali doppju.
plural	In-numru grammatikali plurali.
singular	In-numru grammatikali singulari.

4. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 3.3.3:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet NameStatusValue

Valur	Definizzjoni
historical	Isem storiku mhux f'użu kurrenti.
official	Isem f'użu kurrenti u approvat uffiċjalment jew stabbilit mill-liġi.
other	Isem kurrenti, iżda mhux uffiċjali u lanqas approvat.
standardised	Isem f'użu kurrenti u aċċettat u rrakkomandat minn korp assenjat b'funzjoni ta' konsulenza u/jew b'setgħa li jieħu deċiżjonijiet f'materji ta' toponomija.

5. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 3.3.4:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet NamedPlaceTypeValue

Valur	Definizzjoni
administrativeUnit	Unitajiet ta' amministrazzjoni, żoni diviżorji fejn l-Istati Membri għandhom u/jew jeżerċitaw drittijiet ġuriżdizzjonali għal governanza lokali, reġjonali u nazzjonali, mifruḍin b'konfini amministrattivi.
building	Il-lok ġeografiku tal-binjiet.
hydrography	Elementi idrografiċi, inklużi żoni tal-baħar u l-korpi tal-ilma l-oħra kollha u oġġetti relatati magħhom, inklużi baċiri ta' xmajjar u baċiri sekondarji.
landcover	Kopertura fiżika u bijoloġika tas-superfiċe tad-dinja, inklużi superfiċi artifiċjali, żoni agrikoli, foresti, żoni (semi-)naturali, artijiet mistgħadra.
landform	Karatteristika ġeomorfoloġika ta' terren.

Valur	Definizzjoni
other	Oġġett spazjali mhux inkluż fit-tipi l-oħra tal-lista ta' kodiċijiet.
populatedPlace	Post abitat min-nies.
protectedSite	Żona deżinjata jew ġestita f'qafas ta' leġiżlazzjoni internazzjonali, Komunitarja jew tal-Istati Membri għall-ksib ta' objettivi speċifiċi ta' konservazzjoni.
transportNetwork	Netwerks ta' trasport stradali, ferrovjarju, bl-ajru, bl-ilma u bil-kablaġġ u infrastruttura relatata. Jinkludu konnessjonijiet ma' netwerks differenti.

6. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 3.3.5:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet NativenessValue

Valur	Definizzjoni
endonym	Isem għal karatteristika ġeografika f'lingwa uffiċjali jew stabbilita sew li jkollha dik iż-żona fejn tkun tinsab dik il-karatteristika.
exonym	Isem użat f'lingwa speċifika għal karatteristika ġeografika li tkun tinsab barra miż-żona fejn dik il-lingwa tkun mitkellma ħafna, u differenti fl-għamla mill-endonimu/i rispettiv/i fiż-żona fejn il-karatteristika ġeografika tkun tinsab.

7. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 4.4.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet AdministrativeHierarchyLevel

Valur	Definizzjoni
1stOrder	L-ogħla livell fil-gerarkija amministrattiva nazzjonali (livell ta' pajjiż).
2ndOrder	It-tieni livell (2) fil-ġerarkija amministrattiva nazzjonali.
3rdOrder	It-tielet livell (3) fil-ġerarkija amministrattiva nazzjonali.
4thOrder	Ir-raba' livell (4) fil-ġerarkija amministrattiva nazzjonali.
5thOrder	Il-ħames livell (5) fil-ġerarkija amministrattiva nazzjonali.
6thOrder	Is-sitt livell (6) fil-ġerarkija amministrattiva nazzjonali.

8. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 5.4.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet GeometryMethodValue

Valur	Definizzjoni
byAdministrator	Deċiż u rreġistrat manwalment mill-korp uffiċjali responsabbli għall-allokazzjoni ta' indirizzi jew mill-kustodju tas-settijiet tad-dejta.
byOtherParty	Deċiż u rreġistrat manwalment minn parti oħra.
fromFeature	Derivat awtomatikament minn oġġett spazjali ieħor ta' INSPIRE li jkun relatat mal-indirizz jew mal-komponent tal-indirizz.

9. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 5.4.2:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet GeometrySpecificationValue

Valur	Definizzjoni
addressArea	Pożizzjoni derivata mill-żona tal-indirizzi relatata.
adminUnit1stOrder	Pożizzjoni derivata mill-unità amministrattiva relatata tal-ewwel ordni (1).
adminUnit2ndOrder	Pożizzjoni derivata mill-unità amministrattiva relatata tat-tieni ordni (2).

Valur	Definizzjoni
adminUnit3rdOrder	Pożizzjoni derivata mill-unità amministrattiva relatata tat-tielet ordni (3).
adminUnit4thOrder	Pożizzjoni derivata mill-unità amministrattiva relatata tar-raba' ordni (4).
adminUnit5thOrder	Pożizzjoni derivata mill-unità amministrattiva relatata tal-ħames ordni (5).
adminUnit6thOrder	Pożizzjoni derivata mill-unità amministrattiva relatata tas-sitt ordni (6).
building	Pożizzjoni bil-għan li jkun identifikat il-bini relatat.
entrance	Pożizzjoni bil-għan li jkun identifikat il-bieb jew il-kanċell ta' dħul.
parcel	Pożizzjoni bil-għan li jkun identifikat il-ħabel art relatat.
postalDelivery	Pożizzjoni bil-għan li jkun identifikat punt ta' konsenja postali.
postalDescriptor	Pożizzjoni derivata miż-żona postali relatata.
segment	Pożizzjoni derivata mis-segment relatat ta' triq.
thoroughfareAccess	Pożizzjoni bil-għan li jkun identifikat il-punt ta' aċċess mit-triq.
utilityService	Pożizzjoni bil-għan li jkun identifikat il-punt ta' servizz ta' utilità.

10. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 5.4.3:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet LocatorDesignatorTypeValue

Valur	Definizzjoni
addressIdentifierGeneral	Identifikatur ta' indirizz magħmul minn numri u/jew karattri.
addressNumber	Identifikatur ta' indirizz magħmul biss minn numri.
addressNumber2ndExtension	It-tieni estensjoni tan-numru tal-indirizz.
addressNumberExtension	Estensjoni tan-numru tal-indirizz.
buildingIdentifier	Identifikatur ta' bini magħmul minn numri u/jew karattri.
buildingIdentifierPrefix	Prefiss għan-numru tal-binja.
cornerAddress1stIdentifier	Identifikatur ta' indirizz relatat mal-isem tat-triq primarja f'indirizz f'kantuniera.
cornerAddress2ndIdentifier	Identifikatur ta' indirizz relatat mal-isem tat-triq sekondarja f'indirizz f'kantuniera.
entranceDoorIdentifier	Identifikatur għal bieb tad-dħul, kanċell tad-dħul jew daħla mgħottija.
floorIdentifier	Identifikatur ta' sular jew ta' livell f'binja.
kilometrePoint	Marka fi triq li n-numru tagħha jidentifika d-distanza eżistenti bejn il-punt ta' oriġini tat-triq u dik il-marka, imkejla tul it-triq.
postalDeliveryIdentifier	Identifikatur ta' punt ta' konsenja postali.
staircaseIdentifier	Identifikatur ta' taraġ, ġeneralment ġewwa bini.
unitIdentifier	Identifikatur ta' bieb, abitazzjoni, suite jew kamra f'binja.

11. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 5.4.4:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet LocatorLevelValue

Valur	Definizzjoni
accessLevel	Il-lokalizzatur jidentifika aċċess speċifiku għal plott ta' art, binja jew ħaġa simili bl-użu ta' numru ta' dħul jew identifikatur simili.
postalDeliveryPoint	Il-lokalizzatur jidentifika punt ta' konsenja postali.
siteLevel	Il-lokalizzatur jidentifika plott speċifiku ta' art, binja jew proprjetà simili bl-użu ta' numru ta' indirizz, numru tal-binja, isem tal-binja jew proprjetà.
unitLevel	Il-lokalizzatur jidentifika parti speċifika ta' binja.

12. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 5.4.5:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet LocatorNameTypeValue

Valur	Definizzjoni
buildingName	Isem ta' binja jew parti ta' binja.
descriptiveLocator	Deskrizzjoni narrattiva, testwali tal-lok jew tal-oġġett indirizzabbli.
roomName	Identifikatur ta' abitazzjoni, suite jew kamra f'binja.
siteName	Isem ta' proprjetà immobbli, kumpless jew sit ta' bini.

13. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 5.4.6:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet PartTypeValue

Valur	Definizzjoni
name	Il-parti tal-isem tikkostitwixxi l-qofol jew l-għerq tal-isem tat-triq.
namePrefix	Il-parti tal-isem tintuża biex tifred kelmiet konnessi mingħajr ma tagħżel is-sinifikat mill-qofol tal-isem tat-triq.
qualifier	Il-parti tal-isem tikkwalifika l-isem tat-triq.
type	Il-parti tal-isem tindika l-kategorija jew it-tip ta' triq.

14. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 5.4.7:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet StatusValue

Valur	Definizzjoni
alternative	Indirizz jew komponent ta' indirizz f'użu komuni iżda differenti mill-indirizz prinċipali, jew komponent ta' indirizz kif determinat mill-korp uffiċjali responsabbli mill-allokazzjoni tal-indirizzi jew mill-kustodju tas-sett tad-dejta.
current	Indirizz kurrenti u validu jew komponent ta' indirizz skont il-korp uffiċjali responsabbli mill-allokazzjoni tal-indirizzi jew li jitqies mill-kustodju tas-sett tad-dejta bħala l-indirizz użat l-aktar xieraq u komuni.

Valur	Definizzjoni
proposed	Indirizz jew komponent ta' indirizz li jkun għad jonqsu l-approvazzjoni mill-kustodju tas-sett tad-dejta jew mill-korp uffiċjali responsabbli għall-allokazzjoni tal-indirizzi.
reserved	Indirizz jew komponent ta' indirizz approvat mill-korp uffiċjali responsabbli għall-allokazzjoni tal-indirizzi jew mill-kustodju tas-sett tad-dejta, iżda li jkun għad jonqsu jiġi implimentat.
retired	Indirizz jew komponent ta' indirizz li ma jkunx jintuża aktar jew li jkun tneħħa mill-korp uffiċjali responsabbli għall-allokazzjoni ta' indirizzi jew mill-kustodju tas-sett tad-dejta.

15. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 6.2.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet CadastralZoningLevelValue

Valur	Definizzjoni
1stOrder	L-ogħla livell (l-akbar żoni) fil-ġerarkija tat-tqassim katastali f'żoni, ugwali jew ekwivalenti għal muniċipalitajiet.
2ndOrder	It-tieni livell fil-ġerarkija tat-tqassim katastali f'żoni.
3rdOrder	It-tielet livell fil-ġerarkija tat-tqassim katastali f'żoni.

16. Il-paragrafi li ġejjin qed jiżdiedu mal-punt 7.1:

"— 'Navigazzjoni ta' Żona (RNAV)' tfisser metodu ta' navigazzjoni li jippermetti l-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru f'kull passaġġ mixtieq ta' titjira kif kopert mill-għajnuniet għan-navigazzjoni b'referenzjar ta' stazzjon jew fil-limiti tal-kapaċità ta' għajnuniet awtonomi, jew b'taħlita tat-tnejn,

— 'Navigazzjoni TACAN' tfisser metodu ta' navigazzjoni li jippermetti l-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru f'kull passaġġ ta' titjira mixtieq kif kopert mill-għajnuniet għan-navigazzjoni ta' Fanal tan-Navigazzjoni Ajrutattika (TACAN) b'referenzjar ta' stazzjon."

17. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.3.3.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet AccessRestrictionValue

Valur	Definizzjoni
forbiddenLegally	Aċċess għall-element tat-trasport huwa pprojbit mil-liġi.
physicallyImpossible	Aċċess għall-element tat-trasport huwa fiżikament impossibbli minħabba l-preżenza ta' barrieri jew ostakli fiżiċi oħra.
private	Aċċess għall-element tat-trasport huwa ristrett minħabba li jkun ta' prorjetà privata.
publicAccess	l-element tat-trasport ikun miftuħ għal aċċess pubbliku.
seasonal	Aċċess għall-element tat-trasport jiddependi mill-istaġuni.
toll	Aċċess għall-element tat-trasport huwa suġġett għal tariffa.

18. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.3.3.2:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet RestrictionTypeValue

Valur	Definizzjoni
maximumDoubleAxleWeight	Il-piż massimu għal kull fus doppju ta' vettura permess f'element ta' trasport.
maximumDraught	Il-kurrent tal-arja ta' vettura permess f'element ta' trasport.
maximumFlightLevel	Il-livell massimu ta' titjira permess għall-vettura f'element ta' trasport.
maximumHeight	L-għoli massimu ta' vettura li tista' tgħaddi minn taħt oġġett ieħor.
maximumLength	It-tul massimu ta' vettura permess f'element ta' trasport.

Valur	Definizzjoni
maximumSingleAxleWeight	Il-piż massimu għal kull fus singolu ta' vettura permess f'element ta' trasport.
maximumTotalWeight	Il-piż totali massimu ta' vettura permess f'element ta' trasport.
maximumTripleAxleWeight	Il-piż massimu għal kull fus triplu ta' vettura permess f'element ta' trasport.
maximumWidth	Il-wisa' massima ta' vettura permessa f'element ta' transport.
minimumFlightLevel	Il-livell minimu ta' titjira permess għal vettura f'element ta' trasport.

19. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet AerodromeCategoryValue

Valur	Definizzjoni
domesticNational	Ajrudrom li jaqdi servizzi domestiċi tat-traffiku tal-ajru nazzjonali.
domesticRegional	Ajrudrom li jaqdi servizzi domestiċi tat-traffiku tal-ajru reġjonali.
international	Ajrudrom li jaqdi servizzi internazzjonali tat-traffiku tal-ajru.

20. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.2:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet AerodromeTypeValue

Valur	Definizzjoni
aerodromeHeliport	Ajrudrom b'żona tal-inżul għall-ħeliport.
aerodromeOnly	Ajrudrom biss.
heliportOnly	Ħeliport biss.
landingSite	Sit tal-inżul.

21. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.3:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet AirRouteLinkClassValue

Valur	Definizzjoni
conventional	Rotta ta' navigazzjoni konvenzjonali: Rotta tal-ajru li la tuża Navigazzjoni ta' Żona u lanqas navigazzjoni TACAN għal servizzi ta' traffiku tal-ajru.
RNAV	Rotta ta' Navigazzjoni ta' Żona: Rotta tal-arja li tuża Navigazzjoni ta' Żona (RNAV) għal servizzi ta' traffiku tal-ajru.
TACAN	Rotta TACAN: Rotta tal-ajru li tuża Navigazzjoni TACAN għal servizzi ta' traffiku tal-ajru.

22. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.4:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet AirRouteTypeValue

Valur	Definizzjoni
ATS	Rotta ATS kif deskritta fl-Anness 11 ta' ICAO.
NAT	Binarji tal-Atlantiku tal-Punent (parti mis-Sistema Organizzata ta' Binarji).

23. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.5:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet AirUseRestrictionValue

Valur	Definizzjoni
reservedForMilitary	L-oġġett tan-netwerk tal-ajru huwa esklussivament għal użu militari.
temporalRestrictions	Ir-restrizzjonijiet temporali japplikaw għall-użu tal-oġġett tan-netwerk tal-ajru.

24. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.6:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet AirspaceAreaTypeValue

Valur	Definizzjoni
ATZ	Airport Traffic Zone (Żona tat-Traffiku tal-Ajruport). Spazju tal-ajru ta' dimensjonijiet definiti stabbiliti madwar ajruport għall-protezzjoni tat-traffiku tal-ajruport.
CTA	Erja ta' kontroll (Control area). Spazju tal-ajru kontrollat li jestendi 'l fuq minn limitu speċifiku 'l fuq mid-dinja.
CTR	Żona ta' kontroll (Control zone). Spazju tal-ajru kontrollat li jestendi 'l fuq minn wiċċ id-dinja għal limitu speċifiku ogħla.
D	Żona ta' periklu (Danger area). Spazju tal-ajru ta' specifikazzjonijiet definiti li fih jista' jkun hemm attivitajiet ta' periklu għat-titjir ta' inġenji tal-ajru f'ħinijiet speċifikati.
FIR	Reġjun ta' informazzjoni dwar titjir (Flight information region). Spazju tal-ajru ta' dimensjonijiet definiti li fih jingħataw servizz ta' informazzjoni dwar titjiriet u servizz ta' twissijiet. Jista', pereżempju, jintuża jekk servizz jingħata minn aktar minn unità waħda.
P	Żona projbita (Prohibited area). Spazju tal-ajru ta' dimensjonijiet definiti, 'il fuq mill-żoni ta' art jew ibħra territorjali ta' Stat, li fih it-titjir ta' inġenji tal-ajru jkun pprojbit.
R	Żona ristretta (Restricted area). Spazju tal-ajru ta' dimensjonijiet definiti, 'il fuq mill-żoni ta' art jew ibħra territorjali ta' Stat, li fih it-titjir ta' inġenji tal-ajru jkun ristrett skont ċerti kondizzjonijiet speċifikati.
TMA	Żona ta' kontroll tat-terminal (Terminal control area). Żona ta' kontroll ġeneralment stabbilita fejn jiltaqgħu rotot ATS qrib ajrudrom kbir wieħed jew aktar. Użata l-aktar fl-Ewropa skont il-kunċett tal-Użu Flessibbli tal-Ispazju tal-Ajru.
UIR	Reġjun ogħla ta' informazzjoni dwar titjir (Upper flight information region (UIR)). Spazju tal-ajru ogħla ta' dimensjonijiet definiti li fih jingħataw servizz ta' informazzjoni dwar titjiriet u servizz ta' twissija. Kull Stat jiddetermina d-definizzjonijiet tiegħu għal spazju tal-ajru ogħla.

25. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.7:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet NavaidTypeValue

Valur	Definizzjoni
DME	Tagħmir li Jkejjel id-Distanza (Distance Measuring Equipment).
ILS	Sistema ta' Nżul bl-Istrumenti (Instrument Landing System).
ILS-DME	ILS b'DME kollokat.
LOC	Lokalizzatur (Localizer).
LOC-DME	LOC u DME kollokat.
MKR	Sinjal Markatur (Marker Beacon).
MLS	Sistema ta' Nżul b'Microwaves (Microwave Landing System).
MLS-DME	MLS b'DME kollokat.
NDB	Sinjal Nondirezzjonali bir-Radju (Non-Directional Radio Beacon).
NDB-DME	NDB u DME kollokati.

Valur	Definizzjoni
NDB-MKR	Sinjal Nondirezzjonali bir-Radju u Sinjal Markatur.
TACAN	Sinjal għan-Navigazzjoni Ajrutattika (Tactical Air Navigation Beacon).
TLS	Sistema Transponder ta' Nżul Transponder Landing System)
VOR	Sinjal tar-Radju Omnidirezzjonali VHF (VHF Omnidirectional Radio Range).
VOR-DME	VOR u DME kollokati.
VORTAC	VOR u TACAN kollokati.

26. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.8:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet PointRoleValue

Valur	Definizzjoni
end	Tarf fiżiku ta' direzzjoni ta' runway.
mid	Il-punt tan-nofs ta' runway.
start	Il-bidu fiżiku ta' direzzjoni ta' runway.
threshold	Il-bidu ta' din il-porzjon tar-runway li jista' jintuża għall-inżul.

27. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.9:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet RunwayTypeValue

Valur	Definizzjoni
FATO	Żona ta' Approċċ Finali u Tluq mill-Art (Final Approach and Take Off Area) għall-ħelikopters.
runway	Runway għall-ajruplani.

28. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.4.2.10:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet SurfaceCompositionValue

Valur	Definizzjoni
asphalt	Wiċċ magħmul minn saff ta' asfalt.
concrete	Wiċċ magħmul minn saff tal-konkos.
grass	Wiċċ li jikkonsisti minn minn saff tal-ħaxix.

29. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.5.2.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet CablewayTypeValue

Valur	Definizzjoni
cabinCableCar	Trasport b'kablaġġ li l-vetturi tiegħu jkunu jikkonsistu minn kabina sospiża għall-ġarr ta' gruppi ta' nies u/jew prodotti minn lok wieħed għal ieħor.
chairLift	Trasport b'kablaġġ li l-vetturi tiegħu jikkonsistu minn siġġijiet imdendlin għall-ġarr ta' individwi jew gruppi ta' nies minn lok wieħed għal ieħor permezz ta' kejbil tal-azzar jew ħabel li jkunu marbutin ingassa madwar żewġ ponot.
skiTow	Trasport b'kablaġġ biex jinġibdu 'l fuq ta' inklinazzjoni skiers u snowborders.

30. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.6.3.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet FormOfRailwayNodeValue

Valur	Definizzjoni
junction	Nodu ferrovjarju fejn in-netwerk ferrovjarju jkollu mekkaniżmu li jikkonsisti f'linja ferrovjarja b'żewġ binarji mobbli u l-konnessjonijiet meħtieġa, li jħallu lil vetturi jduru minn binarju għal ieħor.
levelCrossing	Nodu ferrovjarju fejn in-netwerk ferrovjarju jinqasam minn triq fl-istess livell.
pseudoNode	Nodu ferrovjarju li jirrappreżenta punt fejn attribut wieħed jew aktar tal-links ferrovjarji konnessi miegħu jbiddlu l-valur tagħhom, jew punt meħtieġ biex jiddeskrivi l-ġeometrija tan-netwerk.
railwayEnd	Link ferrovjarja waħda biss tikkonnettja man-nodu ferrovjarju. Tfisser it-tarf ta' linja ferrovjarja.
railwayStop	Post fit-netwerk ferrovjarju fejn trenijiet jieqfu għall-ħatt/għat-tagħbija ta' merkanzija jew biex passiġġieri jitħallew jinżlu mill-ferrovija jew jitilgħu fiha.

31. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.6.3.2:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet RailwayTypeValue

Valur	Definizzjoni
cogRailway	Trasport ferrovjarju li jippermetti lil vetturi jaħdmu fuq xaqlibiet weqfin, li jikkonsisti f'linja ferrovjarja li jkollu linja ta' ingranaġġ bis-snien (normalment bejn linji paralleli) fejn vetturi jintramaw b'rota ta' ingranaġġ waħda jew aktar jew b'roti oħra iżgħar ta' ingranaġġ li l-gerijiet tagħhom ikunu jaqblu ma' din il-linja bl-ingranaġġ.
funicular	Trasport ferrovjarju li jikkonsisti f'kejbil imwaħħal ma' vettura fuq linji li jmexxieha 'l fuq u 'l isfel f'telgħa wieqfa ħafna. Fejn ikun possibbli l-vetturi telgħin u niżlin jibbilanċjaw lil xulxin.
magneticLevitation	Trasport ferrovjarju bbażat fuq linja ferrovjarja waħda li sservi bħala direzzjoni gwida għal vettura u tgħinha lill-vettura permezz ta' mekkaniżmu ta' levitazzjoni manjetika.
metro	Sistema ta' trasport ferrovjarju urban użata f'żoni urbani kbar, li timxi fuq linja separata minn sistemi oħra ta' trasport, normalment titħaddem b'enerġija elettrika u f'xi każijiet taħdem taħt l-art.
monorail	Trasport ferrovjarju ibbażat fuq linja waħda li sservi biss kemm ta' għajnuna kif ukoll ta' direzzjoni gwida għaliha stesss.
suspendedRail	Trasport ferrovjarju ibbażat fuq linja waħda, li sservi kemm ta' għajnuna kif ukoll ta' direzzjoni gwida, li minnha tiddendel vettura biex timxi tul linja ferrovjarja.
train	Trasport ferrovjarju li s-soltu jikkonsisti f'żewġ linji paralleli li fuqhom vettura mekkanizzata jew makna ta' ferrovija jiġbdu serje ta' vetturi biex jitmexxew tul linja ferrovjarja għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri minn destinazzjoni għal oħra.
tramway	Sistema ta' trasport ferrovjarju użata f'żoni urbani, li sikwit tgħaddi minn livelli tat-triq, u taqsam l-ispazju tat-triq mat-traffiku ta' vetturi u nies bil-pass. Linji tat-tram normalment jitħaddmu bl-elettriċità.

32. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.6.3.3:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet RailwayUseValue

Valur	Definizzjoni
cargo	L-użu ferrovjarju huwa esklussivament għal operazzjonijiet merkantili.
carShuttle	L-użu ferrovjarju huwa esklussivament għal trasport ta' vetturi.

Valur	Definizzjoni
mixed	L-użu ferrovjarju mħallat. Jintuża għat-trasport ta' passiġġieri u merkantili.
passengers	L-użu ferrovjarju huwa esklussivament għat-trasport ta' passiġġieri.

33. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet AreaConditionValue

Valur	Definizzjoni
inNationalPark	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità f'park nazzjonali.
insideCities	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità f'ibliet.
nearRailroadCrossing	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità qrib qsim bejn linja ferrovjarja u triq.
nearSchool	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità qrib skola.
outsideCities	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità barra mill-ibliet.
trafficCalmingArea	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità f'żona għall-moderazzjoni tat-traffiku.

34. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.2:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet FormOfRoadNodeValue

Valur	Definizzjoni
enclosedTrafficArea	In-nodu tat-triq jinsab ġewwa u/jew jirrappreżenta żona tat-traffiku magħluqa. Żona tat-traffiku hija żona b'ebda struttura interna ta' direzzjonijiet tas-sewqan definiti legalment. Mill-anqas żewġ triqat ikunu konnessi maż-żona.
junction	Nodu tat-toroq fejn jingħaqdu tliet links tat-toroq jew aktar.
levelCrossing	Nodu tat-triq fejn in-netwerk tat-toroq jinqasam minn ferrovija fl-istess livell.
pseudoNode	Żewġ links tat-toroq jingħaqdu eżatt man-nodu tat-triq.
roadEnd	Link tat-toroq waħda biss tingħaqad man-nodu tat-triq. Tfisser it-tarf ta' triq.
roadServiceArea	Wiċċ anness ma' triq u maħsub biex joffri servizzi partikulari għaliha.
roundabout	In-nodu tat-triq jirrappreżenta jew ikun jagħmel parti minn roundabout. Roundabout hija triq li tifforma ċirku li madwaru jitħalla jgħaddi traffiku li jkun sejjer f'direzzjoni waħda biss.
trafficSquare	In-nodu tat-triq ikun jinsab ġewwa u/jew jirrappreżenta pjazza għat-traffiku. Pjazza għat-traffiku hija żona magħluqa (parzjalment) minn triqat li tintuża għall-għanijiet mhux tat-traffiku u li ma tkunx roundabout.

35. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.3:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet FormOfWayValue

Valur	Definizzjoni
bicycleRoad	Triq fejn il-biċikletti jkunu l-uniċi vetturi li jistgħu jitħallew fiha.
dualCarriageway	Triq b'karreġġjati fiżikament separati irrispettivament mill-għadd ta' korsiji, li ma tkunx awtostrada jew triq bil-karatteristiċi ta' awtostrada.
enclosedTrafficArea	Żona mingħajr struttura interna ta' direzzjonijiet ta' sewqan legalment definiti. Mill-anqas żewġ toroq ikunu magħqudin ma' din iż-żona.
entranceOrExitCarPark	Triq imfassla speċjalment għal dħul u ħruġ f'żona ta' parkeġġ.
entranceOrExitService	Triq użata biss għal dħul jew ħruġ minn servizz.
freeway	Triq mingħajr qsim f'livell wieħed ma' toroq oħra.
motorway	Triq li għaliha ġeneralment japplikaw regolamenti dwar dħul u użu. Ikollha żewġ karreġġjati jew aktar separati l-aktar fiżikament u mingħajr ebda qsim fl-istess livell.

Valur	Definizzjoni
pedestrianZone	Żona b'netwerk ta' toroq imfasslin l-aktar għall-użu pedonali.
roundabout	Triq li tifforma ċirku li madwaru jitħalla jgħaddi traffiku li jkun sejjer f'direzzjoni waħda biss.
serviceRoad	Triq li tkun parallela ma' triq u maħsuba biex tgħaqqad triq b'funzjoni relattivament għolja ta' konnettività ma' toroq b'funzjoni baxxa ta' konnettività.
singleCarriageway	Triq fejn it-traffiku ma jkunx separat minn kwalunkwe oġġett fiżiku.
slipRoad	Triq imfassla l-aktar għal dħul jew ħruġ minn triq
tractorRoad	Triq irranġata li tista' tintuża biss minn trattur (vettura tal-farm jew makna tal-foresti) jew minn vettura tal-art (vettura bi qtugħ ogħla mill-art, roti kbar u bl-erba' roti mekkanizzati (4-wheel drive)).
trafficSquare	Żona magħluqa (parzjalment) minn triqat li tintuża għal għanijiet mhux ta' traffiku u li ma tkunx roundabout.
walkway	Triq riżervata għal użu pedonali u magħluqa b'barriera fiżika għall-użu regolari mill-vetturi.

36. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.4:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet RoadPartValue

Valur	Definizzjoni
carriageway	Il-parti ta' triq li tkun riżervata għat-traffiku.
pavedSurface	Il-parti tat-triq li tkun pavimentata.

37. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.5:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet RoadServiceTypeValue

Valur	Definizzjoni
busStation	Is-servizz tat-triq huwa bus stop.
parking	Iż-żona tas-servizz tat-triq hija faċilità ta' parkeġġ.
restArea	Is-servizz tat-triq huwa żona ta' mistrieħ.
toll	Żona li tipprovdi servizzi ta' tariffi bħal emittenti tal-biljetti jew jiġbor il-ħlas ta' tariffi.

38. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.6:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet RoadSurfaceCategoryValue

Valur	Definizzjoni
paved	Triq b'wiċċ pavimentat iebes.
unpaved	Triq mhux pavimentata.

39. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.7:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet ServiceFacilityValue

Valur	Definizzjoni
drinks	Xorb huwa disponibbli.
food	Ikel huwa disponibbli.

Valur	Definizzjoni
fuel	Fjuwil huwa disponibbli.
picnicArea	Hemm żona tal-piknik.
playground	Hemm żona tal-playground.
shop	Hemm ħanut.
toilets	Hemm tojlets.

40. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.8:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet SpeedLimitSourceValue

Valur	Definizzjoni
fixedTrafficSign	Sors huwa sinjal fiss tat-traffiku (ordni amministrattiva spċeċifika għal sit, limitu ta' veloċità speċifikat).
regulation	Sors huwa regolament (regolament nazzjonali jew "limitu impliċitu ta' veloċità").
variableTrafficSign	Sors huwa sinjal varjabbli tat-traffiku.

41. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.9:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet VehicleTypeValue

Valur	Definizzjoni
allVehicle	Kull vettura, mhux inkluż nies bil-pass.
bicycle	Vettura b'żewġ roti misjuqa bil-pedali.
carWithTrailer	Karozza għall-passiġġieri b'karru mwaħħal magħha.
deliveryTruck	Vettura trakk ta' qies relattivament żgħir, li l-użu ewlieni tagħha jkun il-konsenja ta' oġġetti u materjalli.
emergencyVehicle	Vettura għal użu għal sejħa ta' emerġenza, inkluża iżda mhux biss tal-pulizija, ambulanza u għat-tifi tan-nar.
employeeVehicle	Vettura mħaddma minn impjegat ta' organizzazzjoni li tintuża skont il-proċeduri ta' dik l-organizzazzjoni.
facilityVehicle	Vettura mogħtija għal żona lokalizzata f'qasam immobiljari privat jew ristrett.
farmVehicle	Vettura komunement assoċjata ma' attivitajiet ta' biedja.
highOccupancyVehicle	Vettura li fiha joqogħdu għadd ta' nies li jkun jaqbel mal-għadd minimu speċifikat ta' passiġġieri (jew li jkun jaqbżu).
lightRail	Vettura ta' trasport bħal tren limitata għal netwerk ferrovjarju f'żona limitata.
mailVehicle	Vettura li tiġbor, iġġorr jew twassal il-posta.
militaryVehicle	Vettura awtorizzata minn awtorità militari.
moped	Vettura b'żewġ jew tliet roti mgħammra b'makna ta' kombustjoni interna, ta' qies anqas minn 50 cc u ta' veloċità massima li ma taqbiżx il-45 km/h (28 mph).

Valur	Definizzjoni
motorcycle	Vettura b'żewġ jew tliet roti mgħammra b'makna ta' kombustjoni interna, ta' qies anqas minn 50 cc u ta' veloċità massima li taqbeż il-45 km/h (28 mph).
passengerCar	Vettura żgħira mfassla għal trasport privat tan-nies.
pedestrian	Persuna bil-pass.
privateBus	Vettura mfassla għat-trasport ta' gruppi kbar ta' nies, ta' proprjetà privata jew mikrija.
publicBus	Vettura mfassla għat-trasport ta' gruppi kbar ta' nies li ġeneralment tkun ikkaratterizzata minn rotot u skedi ppubblikati.
residentialVehicle	Vettura li s-sid tagħha jkun residenti (jew mistieden) fi triq partikulari jew żona f'belt.
schoolBus	Vettura mħaddma f'isem skola għat-trasport ta' studenti.
snowChainEquippedVehicle	Kull vettura mgħammra bi ktajjen għall-borra.
tanker	Trakk b'aktar minn żewġ fusijiet użat għall-ġarr ta' tagħbijiet likwidi jew gass bil-massa.
taxi	Vettura liċenzjata għall-kiri, normalment mgħammra b'arloġġ.
transportTruck	Vettura trakk għall-ġarr ta' oġġetti fit-tul.
trolleyBus	Vettura qisha xarabank għat-trasport tal-massa mqabbda ma' netwerk elettriku għall-provvista ta' enerġija.
vehicleForDisabledPerson	Vettura li jkollha identifikazzjoni li turi li tkun magħmula għal persuni b'diżabilità.
vehicleWithExplosiveLoad	Vettura għall-ġarr ta' tagħbija ta' merkanzija ta' esplossivi.
vehicleWithOtherDangerousLoad	Vettura għall-ġarr ta' tagħbija ta' merkanzija perikoluża, barra minn tagħbijiet ta' esplossivi u kontaminanti tal-ilma.
vehicleWithWaterPollutingLoad	Vettura għall-ġarr ta' tagħbija ta' merkanzija ta' kontaminanti tal-ilma.

42. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.7.3.10:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet WeatherConditionValue

Valur	Definizzjoni
fog	Il-veloċità tapplika meta jkun iċ-ċpar.
ice	Il-veloċità tapplika meta jkun hemm is-silġ.
rain	Il-veloċità tapplika meta tkun ix-xita.
smog	Il-veloċità tapplika meta jkun hemm ċertu ammont ta' smog.
snow	Il-veloċità tapplika meta jkun hemm il-borra.

43. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.8.3.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet FerryUseValue

Valur	Definizzjoni
cars	Feri li ġġorr karozzi.
other	Feri li ġġorr għamliet oħra ta' trasport barra minn tal-passiġġieri, karozzi, trakkijiet jew treni.
passengers	Feri li ġġorr passiġġieri.
train	Feri li ġġorr treni.
trucks	Feri li ġġorr trakkijiet.

44. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 7.8.3.2:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet FormOfWaterwayNodeValue

Valur	Definizzjoni
junctionFork	Elementi ta' infrastruttura fejn il-fluss tat-traffiku ta' bastimenti jaqsam fluss jew punti oħra ta' traffiku fejn flussi ta' traffiku ta' bastimenti jinfirdu jew jiltaqgħu.
lockComplex	Magħlaq jew gruppi ta' mgħalaq, maħsubin biex jittellgħu u jitniżżlu dgħajjes bejn meded ta' ilma ta' livelli differenti fi xmajjar u f'passaġġi tal-ilma.
movableBridge	Pont li jista' jittella' jew jiddawwar biex jitħallew jgħaddu l-vapuri.
shipLift	Makna għall-ġarr ta' dgħajjes bejn korpi ta' ilma f'żewġ elevazzjonijiet differenti, li tintuża minflok mgħalaq ta' kanali.
waterTerminal	Il-lok fejn isir trażbord ta' oġġetti.
turningBasin	Post fejn kanal jew passaġġ dejjaq tal-ilma jitwessgħu biex jitħallew iduru dgħajjes.

45. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 8.4.2.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet HydroNodeCategoryValue

Valur	Definizzjoni
boundary	Nodu użat biex jingħaqdu netwerks differenti.
flowConstriction	Nodu ta' netwerk li ma jkunx relatat mat-topoloġija tan-netwerk fiha nnifsha, iżda li jkun assoċjat ma' punt idrografiku ta' interess jew ma' faċilità, jew ma' oġġett magħmul mill-bniedem li jaffettwa l-fluss tan-netwerk.
flowRegulation	Nodu ta' netwerk li ma jkunx relatat mat-topoloġija tan-netwerk fiha nnifsha, iżda li jkun assoċjat ma' punt idrografiku ta' interess jew ma' faċilità, jew ma' oġġett magħmul mill-bniedem li jirregola l-fluss tan-netwerk.
junction	Nodu fejn tliet links jew aktar jingħaqdu.
outlet	Nodu fit-tarf ta' serje ta' links interkonnessi.
source	Nodu tal-bidu ta' serje ta' links interkonnessi.

46. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 8.5.4.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet CrossingTypeValue

Valur	Definizzjoni
aqueduct	Pajp jew kanal artifiċjali mfassal għall-ġarr tal-ilma minn sors 'il bogħod, normalment bil-gravità, għal provvista ta' ilma ħelu, għal użu agrikolu u/jew industrijali.
bridge	Struttura li tgħaqqad żewġ lokijiet u tipprovdi biex ikun hemm passaġġ ta' rotta ta' trasport fuq ostaklu terren.
culvert	Kanal magħluq li jieħu kanal tal-ilma f'rotta.
siphon	Pajp użat biex jinġieb likwidu minn livell wieħed għal livell aktar baxx, billi jintuża d-differenzjal tal-pressjoni tal-likwidu biex tkun sfurzata kolonna ta' likwidu 'l fuq għal livell ogħla qabel ma taqa' fl-iżbokk.

47. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 8.5.4.2:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet HydrologicalPersistenceValue

Valur	Definizzjoni
dry	Mimli u/jew fi fluss mhux ta' sikwit, ġeneralment biss matul u/jew mill-ewwel wara preċipitazzjoni kbira.
ephemeral	Mimli u/jew fi fluss matul jew mill-ewwel wara preċipitazzjoni.

Valur	Definizzjoni
intermittent	Mimli u/jew fi fluss tul parti tas-sena.
perennial	Mimli u/jew fi fluss mingħajr ma jaqta' matul is-sena.

48. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 8.5.4.3:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet InundationValue

Valur	Definizzjoni
controlled	Medda kbira ta' art li kull tant żmien tisfa mgħarrqa mill-mod kif ikun regolat il-livell tal-ilma maqbud minn diga.
natural	Medda kbira ta' art li kull tant żmien tinkesa minn għargħar, esklużi ilmijiet marei.

49. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 8.5.4.4:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet ShoreTypeValue

Valur	Definizzjoni
boulders	Ġebel kbir mikul bl-ilma jew bit-temp.
clay	Biċċa ġebla bil-vina fina, tenaċi u iebsa magħmula l-aktar minn silikati tal-aluminju idrati, li ssir aktar plastika meta jiżdidilha l-ilma u tkun tista' tingħata forma u titnixxef.
gravel	Ġebel żgħir mikul bl-ilma u mfarrak.
mud	Ħamrija ratba mxarrba, ramel, trab u/jew materja oħra ġeblija.
rock	Ġebel ta' kull daqs.
sand	Materjal imrammel magħmul minn biċċiet żgħar mgħawrin ta' blat (l-aktar tas-silika), ifjen miż-żrar u akbar mill-frak ta' sediment aħrax.
shingle	Ċagħaq żgħir, mifrux, tond u mikul bl-ilma, l-aktar dak miġbur f'xatt il-baħar.
stone	Bċejjeċ ta' blat jew sustanza minerali (barra minn metall) ta' għamla u daqs definiti, normalment magħmulin f'forma artifiċjali, u użati għal xi skop speċjali.

50. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 8.5.4.5:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet WaterLevelValue

Valur	Definizzjoni
equinoctialSpringLowWater	Il-livell ta' nixxiġħat ta' ilma baxx qrib iż-żmien tal- ekwinozju.
higherHighWater	L-ogħla mill-ilmijiet għoljin (jew ilma għoli waħdu) ta' jum mareu speċifiku minħabba l-effetti tad-deklinazzjoni A1 tal-qamar u x-xemx.
higherHighWaterLargeTide	Il-medja tal-ogħla ilmijiet għoljin, osservazzjoni waħda minn għadd f'perjodu ta' 19-il sena.
highestAstronomicalTide	L-ogħla livell mareu li jista' jitbassar li jkollu jseħħ f'kondizzjonijiet meteoroloġiċi medji u f'kondizzjonijiet astronomiċi ta' kull taħlita.
highestHighWater	L-ogħla livell ta' ilma osservat f'lok.
highWater	L-ogħla livell milħuq f'lok mill-wiċċ tal-ilma f'ċiklu mareu wieħed.

Valur	Definizzjoni
highWaterSprings	Livell arbitrarju, li jqarreb dak ta' nixxiġħat medji ta' ilma ġħoli.
indianSpringHighWater	Datum dwar wiċċ mareu li jqarreb il-livell tal-medja tal-ilma ġħoli ogħla f'marea f'nixxiġħat.
indianSpringLowWater	Datum dwar wiċċ mareu li jqarreb il-livell tal-medja tal-ilma baxx aktar baxx f'marea f'nixxiġħat.
localDatum	Datum arbitrarju definit minn awtorità ta' port lokali, li minnu jitkejlu l-livelli u l-ġħoli ta' marei minn dik l-awtorità.
lowerLowWater	L-ilmijiet l-aktar baxxi minn dawk baxxi (jew ilma baxx waħdu) ta' kwalunkwe jum mareu speċifiku minħabba l-effetti tad-deklinazzjoni A1 tal-qamar u x-xemx.
lowerLowWaterLargeTide	Il-medja tal-ilmijiet baxxi l-aktar baxxi, osservazzjoni waħda minn għadd f'perjodu ta' 19-il sena.
lowestAstronomicalTide	Il-livell mareu l-aktar baxx li jista' jitbassar li jkollu jseħħ f' kondizzjonijiet meteoroloġiċi medji u f'kondizzjonijiet astronomiċi ta' kull taħlita.
lowestLowWater	Livell arbitrarju li jkun jaqbel ma' marea l-aktar baxxa osservat f'lok, jew kemmxejn aktar baxx.
lowestLowWaterSprings	Livell arbitrarju li jaqbel mal-livell ta' ilma l-aktar baxx osservat f'lok f'marei f'nixxiġħat matul perjodu aqsar minn 19-il sena.
lowWater	Approssimazzjoni ta' ilma baxx medju adottata bħala l-livell ta' referenza għal reġjun limitat, irrispettivament minn determinazzjonijiet aħjar wara.
lowWaterDatum	Approssimazzjoni ta' ilma baxx medju li tkun ġiet adottata bħala standard referenzjali għal erja limitata.
lowWaterSprings	Livell li jqarreb dak tal-medja ta' nixxiġħat ta' ilma baxx.
meanHigherHighWater	L-ġħoli medju ta' ilmijiet ġħoljin aktar ġħoljin f'lok tul perjodu ta' 19-il sena.
meanHigherHighWaterSprings	L-ġħoli medju ta' ilma ġħoli aktar ġħoli f'marei f'nixxiġħat f'lok.
meanHigherLowWater	Il-medja tal-ġħoli ta' ilma baxx ogħla għal kull jum mareu osservat tul Epoka Nazzjonali ta' Datum Mareu.
meanHighWater	L-ġħoli medju tal-ilmijiet ġħoljin kollha f'lok tul perjodu ta' 19-il sena.
meanHighWaterNeaps	L-ġħoli medju tal-ilmijiet marei ġħoljin meta d-differenza bejn l-ilma ġħoli u l-ilma baxx tkun ċkejkna ħafna.
meanHighWaterSprings	L-ġħoli medju tal-ilmijiet ġħoljin ta' marei f'nixxiġħat.
meanLowerHighWater	Il-medja tal-ġħoli tal-ilma ġħoli aktar baxx għal kull jum mareu osservat tul Epoka Nazzjonali ta' Datum Mareu.
meanLowerLowWater	L-ġħoli medju tal-ilmijiet baxxi aktar baxxi f'lok tul perjodu ta' 19-il sena.
meanLowerLowWaterSprings	L-ġħoli medju ta' ilma baxx aktar baxx f'marei f'nixxiġħat f'lok.
meanLowWater	L-ġħoli medju tal-ilmijiet baxxi kollha f'lok tul perjodu ta' 19-il sena.
meanLowWaterNeaps	L-ġħoli medju tal-ilmijiet baxxi ta' marea fiergħa.
meanLowWaterSprings	L-ġħoli medju tal-ilmijiet baxxi ta' marei f'nixxiġħat.
meanSeaLevel	L-ġħoli medju tal-baħar fi stazzjon mareu mkejjel minn livell referenzjali fiss determinat minn qabel.
meanTideLevel	Il-medja aritmetika tal-medja ta' ilma ġħoli u tal-medja ta' ilma baxx.
meanWaterLevel	Il-medja tal-livelli kollha tal-ilma kull siegħa tul il-perjodu disponibbli tar-reġistrazzjoni.
nearlyHighestHighWater	Livell arbitrarju li jqarreb l-ogħla livell ta' ilma osservat f'lok, normalment ekwivalenti għan-nixxiġħat ta' ilma ġħoli.
nearlyLowestLowWater	Livell li jqarreb il-livell ta' ilma l-aktar baxx osservat f'lok, normalment ekwivalenti għall-ilma baxx tar-rebbiegħa Indjan.

Valur	Definizzjoni
tropicHigherHighWater	L-ogħla mill-ilmijiet għoljin (jew ilma għoli waħdu) tal-marei li jseħħu kull nofs xahar meta l-effett tad-deklinazzjoni tal-qamar ikun l-akbar.
tropicLowerLowWater	L-aktar wieħed baxx mill-ilmijiet baxxi (jew ilma baxx waħdu) tal-marei li jseħħu kull nofs xahar meta l-effett tad-deklinazzjoni tal-qamar ikun l-akbar.

51. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 9.4.1:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet DesignationSchemeValue

Valur	Definizzjoni
emeraldNetwork	Is-Sit Protett għandu deżinjazzjoni skont l-Emerald Network (in-Netwerk Żmerald).
IUCN	Is-Sit Protett għandu klassifikazzjoni skont l-użu tal-iskema ta' klassifikazzjoni tal-International Union for Conservation of Nature (l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura).
nationalMonumentsRecord	Is-Sit Protett għandu klassifikazzjoni skont l-użu tal-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
Natura2000	Is-Sit Protett għandu deżinjazzjoni skont id-Direttiva tal-Ħabitat (92/43/KEE) jew id-Direttiva tal-Għasafar (79/409/KEE).
ramsar	Is-Sit Protett għandu deżinjazzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Ramsar.
UNESCOManAndBiosphereProgr-amme	Is-Sit Protett għandu denominazzjoni skont Man and Biosphere Programme (il-Programm il-Bniedem u l-Bijosfera) tal-UNESCO.
UNESCOWorldHeritage	Is-Sit Protett għandu denominazzjoni skont il-World Heritage Convention (Il-Konvenzjoni dwar il-Patrimonju Dinji) tal-UNESCO.

52. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 9.4.3:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet IUCNDesignationValue

Valur	Definizzjoni
habitatSpeciesManagementArea	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala żona ta' ġestjoni ta' speċijiet tal-habitat (habitat species management area) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (UIKN).
managedResourceProtectedArea	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala żona protetta ta' riżorsa ġestita (managed resource protected area) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tal-UIKN.
nationalPark	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala park nazzjonali (national park) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tal-UIKN.
naturalMonument	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument naturali (natural monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tal-UIKN.
protectedLandscapeOrSeascape	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala pajsaġġ jew xena tal-baħar protetti (protected landscape or seascape) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tal-UIKN.
strictNatureReserve	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala riżerva stretta tan-natura (strict nature reserve) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tal-UIKN.
wildernessArea	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala żona ta' natura selvaġġa skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tal-UIKN.

53. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 9.4.4:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet NationalMonumentsRecordDesignationValue

Valur	Definizzjoni
agricultureAndSubsistence	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument agrikolu jew ta' sussistenza (agricultural or subsistence monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
civil	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument ċivili (civil monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
commemorative	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument kommemorattiv (commemorative monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
commercial	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument kummerċjali (commercial monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
communications	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument ta' komunikazzjonijiet (communications monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
defence	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument ta' difiża (defence monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
domestic	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument domestiku (domestic monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
education	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument għall-edukazzjoni (education monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
gardensParksAndUrbanSpaces	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument ta' ġnien, park u spazju urban (garden, park or urban space monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
healthAndWelfare	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument għas-saħħa u l-benessri (health and welfare monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
industrial	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument industrijali (industrial monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
maritime	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument marittimu (maritime monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
monument	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument f'xi għamla mhux ikklassifikata (monument with some unclassified form) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
recreational	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument ta' rikreazzjoni (recreational monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
religiousRitualAndFunerary	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument reliġjuż, ritwali jew funerarju (religious, ritual or funerary monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
settlement	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala kolonizzazzajoni ġdida (settlement) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
transport	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument għat-trasport (transport monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.
waterSupplyAndDrainage	Is-Sit Protett huwa kklassifikat bħala monument ta' provvista tal-ilma u monument tad-dranaġġ (water supply and drainage monument) skont l-iskema ta' klassifikazzjoni tan-National Monuments Record.

54. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 9.4.5:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet Natura2000DesignationValue

Valur	Definizzjoni
proposedSiteOfCommunityImportance	Is-Sit Protett huwa propost bħala Sit ta' Importanza Komunitarju (SIK) skont Natura2000.
proposedSpecialProtectionArea	Is-Sit Protett huwa propost bħala Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) skont Natura2000.
siteOfCommunityImportance	Is-Sit Protett huwa diżinjat bħala Sit ta' Importanza Komunitarju (SIK) skont Natura2000.
specialAreaOfConservation	Is-Sit Protett huwa diżinjat bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) skont Natura2000.
specialProtectionArea	Is-Sit Protett huwa diżinjat bħala Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) skont Natura2000.

55. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 9.4.6:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet RamsarDesignationValue

Valur	Definizzjoni
ramsar	Is-Sit Protett huwa diżinjat skont il-Konvenzjoni ta' Ramsar.

56. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 9.4.7:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet UNESCOManAndBiosphereProgrammeDesignationValue

Valur	Definizzjoni
biosphereReserve	Is-Sit Protett huwa diżinjat bħala Riżerva tal-Bijosfera (Biosphere Reserve) skont il-Programm Il-Bniedem u l-Bijosfera.

57. It-tabella li ġejja qed tiżdied mal-punt 9.4.8:

Valuri permessi għal-lista ta' kodiċijiet UNESCOWorldHeritageDesignationValue

Valur	Definizzjoni
cultural	Is-Sit Protett huwa diżinjat bħala sit ta' Patrimonju Dinji.
mixed	Is-Sit Protett huwa diżinjat bħala sit imħallat ta' Patrimonju Dinji.
natural	Is-Sit Protett huwa diżinjat bħala sit naturali ta' Patrimonju Dinji.